



2024/432

5.2.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/432

tat-2 ta' Frar 2024

li jiddetermina li l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata awtomatikament skont il-ftehim iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u ta' ċerti Stati Membri hija ekwivalenti għall-informazzjoni speċifikata f'ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8ac(7), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8ac(7), l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva 2011/16/UE jipprevedi li wara talba motivata ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk l-informazzjoni li għandha tiġi skambjata awtomatikament mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni skont ftehim bejn daww il-awtoritajiet u dik il-ġurisdizzjoni, hijiex ekwivalenti għal dik speċifikata fl-Anness V, it-Taqsima III, il-paragrafu B ta' dik id-Direttiva. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/823 ⁽²⁾ jistabbilixxi regoli għall-implimentazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (2) Wara talba tal-awtorità kompetenti tal-Kanada fit-30 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiddetermina jekk l-informazzjoni li hija meħtieġa tiġi skambjata awtomatikament skont il-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar l-introjtu derivat permezz ta' pjattaformi diġitali ⁽³⁾ ("DPI-MCAA"), li bħalissa huwa iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Belġju, tal-Bulgarija, tal-Kroazja, ta' Ċipru, tal-Estonja, tal-Finlandja, tal-Irlanda, tal-Latvja, tal-Lussemburgu, ta' Malta, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tas-Slovakkja, tas-Slovenja, ta' Spanja u tal-Iżvezja ("l-Istati Membri firmatarji"), tirrelatax mal-attivitatijiet fl-ambitu tad-Direttiva 2011/16/UE, u jekk hijiex ekwivalenti għall-informazzjoni meħtieġa skont ir-regoli dwar ir-rapportar stabbiliti f'dik id-Direttiva.
- (3) Għall-finijiet tad-determinazzjoni, il-Kummissjoni vvalutat id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Att tal-Kanada dwar it-Taxxa fuq l-Introjt ⁽⁴⁾, b'mod partikolari s-Sezzjoni 162, il-Parti XX ("Regoli ta' Rapportar għall-Operaturi tal-Pjattaformi Diġitali") tiegħu, kif miżjuda bit-taqsima 78(1) tal-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit tal-Kanada, 2023, Nru 1 ⁽⁵⁾, u li, skont it-Taqsima 78(2) tal-Att, se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024, u d-DPI-MCAA li bħalissa huwa iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u mill-Istati Membri firmatarji.

⁽¹⁾ ĠU L 64, 11.3.2011, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/16/oj>.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/823 tat-13 ta' April 2023 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE fir-rigward tal-valutazzjoni u d-determinazzjoni tal-ekwivalenza tal-informazzjoni fi ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni (ĠU L 103, 18.4.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/823/oj).

⁽³⁾ Id-DPI-MCAA huwa disponibbli online fuq <https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/model-reporting-rules-for-digital-platforms-international-exchange-framework-and-optional-module-for-sale-of-goods.pdf>.

⁽⁴⁾ It-test sħiħ tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjt huwa disponibbli online fuq: <https://laws-lois.justice.gc.ca/eng/acts/l-3,3/FullText.html>

⁽⁵⁾ It-test sħiħ tal-Att huwa disponibbli online fuq: https://laws-lois.justice.gc.ca/eng/AnnualStatutes/2023_26/FullText.html

- (4) L-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif emendat bl-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit, 2023, Nru 1, japplika d-dispożizzjonijiet tal-Model Rules for Reporting by Platform Operators with respect to Sellers in the Sharing and Gig Economy ⁽⁶⁾ ("ir-Regoli Mudell") tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tal-2020, issupplimentati bil-Model Reporting Rules for Digital Platforms tal-OECD tal-2021: International Exchange Framework and Optional Module for sale of goods ⁽⁷⁾.
- (5) Id-DPI-MCAA huwa qafas legali internazzjonali żviluppat mill-OECD biex jappoġġa l-iskambju awtomatiku annwali tal-informazzjoni miġbura skont ir-Regoli Mudell tal-OECD mill-ġurisdizzjoni tar-residenza tal-operatur tal-pjattaforma mal-ġurisdizzjonijiet ta' residenza tal-bejjieġha u, fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu l-kiri ta' proprjetà immobbli, il-ġurisdizzjonijiet li fihom tinsab tali proprjetà immobbli, kif determinat abbażi tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta.
- (6) Id-DPI-MCAA iffirmat mill-Kanada u mill-Istati Membri firmatarji jeħtieġ l-attivazzjoni tar-relazzjoni ta' skambju bejn il-Kanada u kull Stat Membru firmatarju f'konformità mat-Taqsima 7 tad-DPI-MCAA.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet rigward l-operatur tal-pjattaforma tar-rapportar stabbiliti fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif emendat bl-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit, 2023, Nru 1, u f'konformità mad-DPI-MCAA iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi A(1) sa A(4) tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet rigward il-bejjieġha rapportabbli stabbiliti fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif emendat bl-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit, 2023, Nru 1 u f'konformità mad-DPI-MCAA iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi B(1) sa B(4), C(1) u C(2), tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li d-definizzjonijiet tal-attività rilevanti stabbiliti fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif emendat bl-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit, 2023, Nru 1 u f'konformità mad-DPI-MCAA iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi A(8), A(10), A(11) u C(9) tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (10) F'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif emendat bl-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit, 2023, Nru 1 u f'konformità mad-DPI-MCAA iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għall-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima II tad-Direttiva 2011/16/UE u għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi C(3) sa C(7) tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (11) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li r-reqwiziti ta' rapportar stabbiliti fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif emendat bl-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit, 2023, Nru 1 u f'konformità mad-DPI-MCAA iffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Istati Membri firmatarji huma ekwivalenti għar-reqwiziti ta' rapportar stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima III, is-subparagrafi A(1), A(2), A(5), A(6) u A(7) u l-paragrafu B tad-Direttiva 2011/16/UE, u għad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima I, is-subparagrafi C(3) sa C(8) tad-Direttiva 2011/16/UE.

⁽⁶⁾ OECD (2020), Model Rules for Reporting by Platform Operators with respect to Sellers in the Sharing and Gig Economy, OECD, Pariġi. Disponibbli online fuq <https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/model-rules-for-reporting-by-platform-operators-with-respect-to-sellers-in-the-sharing-and-gig-economy.pdf>

⁽⁷⁾ OECD (2021), Model Reporting Rules for Digital Platforms: International Exchange Framework and Optional Module for Sale of Goods, OECD, Pariġi. Disponibbli online fuq <https://www.oecd.org/tax/exchange-of-tax-information/model-reporting-rules-for-digital-platforms-international-exchange-framework-and-optional-module-for-sale-of-goods.pdf>

- (12) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, il-Kummissjoni ddeterminat li r-regoli u l-proċeduri amministrattivi stabbiliti fl-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif emendat bl-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit, 2023, Nru 1 u f'konformità mad-DPI-MCAA ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Istati Membri firmatarji, biex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta u r-rekwiżiti ta' rapportar kif ukoll il-konformità magħhom, huma ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, it-Taqsima IV, il-paragrafi A sa D tad-Direttiva 2011/16/UE.
- (13) Għalhekk, l-informazzjoni li hija meħtieġa tiġi skambjata awtomatikament bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Istati Membri firmatarji f'konformità mad-DPI-MCAA jenħtieġ li titqies ekwivalenti għal dik speċifikata fl-Anness V, it-Taqsima III, il-paragrafu B tad-Direttiva 2011/16/UE. F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/823, din id-determinazzjoni tal-ekwivalenza tapplika għall-istess ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor u tal-Kanada.
- (14) Peress li l-Parti XX tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif miżjuda bit-Taqsima 78(1) tal-Att, għadha ma daħlitx fis-seħħ, jenħtieġ li d-determinazzjoni tal-ekwivalenza tapplika biss mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Parti XX tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu.
- (15) Madankollu, jenħtieġ li d-determinazzjoni tal-ekwivalenza tapplika biss diment li r-relazzjoni ta' skambju bejn il-Kanada u l-Istati Membri firmatarji tiġi attivata f'konformità mat-Taqsima 7 tad-DPI-MCAA.
- (16) Kif previst fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 2011/16/UE, jenħtieġ li l-iskambju kollu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-ġuriżdizzjonijiet mhux tal-Unjoni skont id-DPI-MCAA jikkonforma mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).
- (17) Ġie kkonsultat il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).
- (18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva għat-Tassazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Determinazzjoni tal-ekwivalenza

L-informazzjoni li hija meħtieġa tiġi skambjata awtomatikament skont il-Parti XX l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif miżjuda bit-Taqsima 78(1) tal-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit, 2023, Nru 1 u l-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar l-introjtu derivat permezz ta' pjattaformi diġitali ("DPI-MCAA"), li bħalissa huwa ffirmat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u tal-Belġju, tal-Bulgarija, tal-Kroazja, ta' Ċipru, tal-Estonja, tal-Finlandja, tal-Irlanda, tal-Latvja, tal-Lussemburgu, ta' Malta, tan-Netherlands, tal-Polonja, tal-Portugall, tas-Slovakkja, tas-Slovenja, ta' Spanja u tal-Iżvezja ("l-Istati Membri firmatarji"), hija ekwivalenti, skont it-tifsira tal-Sezzjoni I, is-subparagrafu A(7) tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE, għall-informazzjoni speċifikata fis-Sezzjoni III, il-paragrafu B, tal-Anness V tad-Direttiva 2011/16/UE.

Id-determinazzjoni tal-ekwivalenza għandha tapplika diment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) Il-Parti XX tal-Att tal-Kanada dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu, kif miżjuda bit-Taqsima 78(1) tal-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit tal-Kanada, 2023, Nru 1, u kif invaluata mill-Kummissjoni, dahlit fis-seħħ;

(*) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

(**) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (b) ir-relazzjoni tal-iskambju bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Kanada u kull Stat Membru firmatarju ġiet attivata f'konformità mat-Taqsima 7 tad-DPI-MCAA.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN